MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-18 ta' April, 2011

Appell Kriminali Numru. 162/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Arthur Mercieca)**
**(Spt. Carlos Cordina)**
**Vs**
**Joseph Zahra**

**Illum 18 t'April, 2011.**

Il-Qorti,

1. Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli matul dawn l-aħħar ġimgħat f'dawn il-Gżejjer naqas milli jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti fid-digriet tagħha mogħti mill-Magistrat Dr. S. Meli LL.D nhar il-25 ta' Novembru 2009 li bih Joseph Zahra ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija.

2. Talli permezz tal-imsemmi digriet kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu b'ordni tal-Qorti u cioe` naqas li jiffirma gewwa l-Ghassa taz-Zejtun.

Talli huwa sar recediv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, b’diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

3. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-16 ta’ Marzu, 2011, li biha, wara li rat l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tl-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati ta’ dak ir-reat (liberat pero` mir-recidiva in kwantu mhix pruvata) u kkundannatu ghal piena karcerarja ta’ xahrejn (2), bil-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tas-somma ta’ €5000 cioe` l-garanzija gia` mposta fid-digriet tal-Magistrat Dr. Silvio Meli.

4. Rat ir-rikors tal-appellant (ID no. 293553M) minnu pprezentat fit-28 ta’ Marzu, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata fis-sens li tikkonfermaha in kwantu din illiberat lill-appellant mill-akkuza ossia addebitu tar-recediva w tirrevokaha in kwantu din sabet lill-appellant hati tar-reat taht l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’dan li tilliberah mill-istess.

5. Fliet l-atti kollha processwali.

6. Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

7. Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-
(a) Illi għall-mod vag li bih gie akkuzat l-appellant ghal dawk li jirrigwardaw l-ewwel u t-tieni akkuza. Apparti l-fatt li z-zewg akkuzi tant jirreferu ghall-istess haga, li l-Ewwel Qorti sempliciment qalet li sabet lill-appellant hati skond artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali ta’ Malta, dawn iz-zewg akkuzi huma tant vagi li ghandhom jitqiesu bhala nulli u bla effett, u ghalhekk l-Ewwel Qorti ma setghet qatt issib lill-appellant hati ta’ akkuzi vagi.

L-akkuzi ma jindikaw ebda gurnata li fiha gie kommess ir-reat mertu ta’ l- akkuzi u di piu` l-ewwel akkuza ma tghidx liema hi dik il-kondizzjoni tal-helsien mill-arrest li inkisret mentri t-tieni akkuza titkellem fuq ksur ta’ restrizzjoni jew projbizzjoni meta l-obbligu li

tiffirma go ghassa la jista` jitqies restrizzjoni u lanqas projbizzjoni. L-appellant tant gie pregudikat b'dawn l-akkuzi li huwa ma kienx jaf li kellu jressaq difiza in rigward ta' iffirmar fl-ghassa wara l-hin indikat, imma l-Ewwel Qorti tat piz konsiderevoli ghal dak li tghid li jirrizulta mill-"bail book" dwar dan, avolja hadd ma xehed in rigward ta' dan. Ghalhekk qed jigi eccepit in-nullita` ta' l-ewwel zewg akkuzi in kwantu dawn kienu tant vagi li ppregudikaw id-difiza ta' l-appellant li kellu dritt ikun jaf ezatt biex qed jigi akkuzat.

(b) Illi t-tieni aggravju huwa bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju u jirreferi ghas- sejbien tal-htija. Artikolu 574 tal-Kodici Kriminali juri bic-car li l-garanzija mposta ghall-helsien mill-arrest hija principalment intiza li tassikura li l-akkuzat jidher il-Qorti meta rikjest. L-ispirtu ta' din il-ligi huwa li persuna tigi ppenalizzata jekk tipprova tistultifika jew tiddannegga l-process gudizzjarju. Hija prassi accettata w rikonoxxuta li meta persuna jkollha certifikat mediku genwin, hija tkun skuzata milli tmur tiffirma l-ghassa tal-Pulizija, jekk l-iffirmar ikun wahda mill-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest. Jekk il-qorti jkollha suspetti li c-certifikati mhumiex genwini, allura ikun hemm lok ghal investigazzjoni dwar dan, imma jekk ic-certifikati jkunu genwini, l-Qorti mhix tenuta tistabbilixxi jekk l-akkuzat kellux sahha jmur l-ghassa biex jiffirma.

L-appellant kien diga` kellu c-certifikati medici meta gie arrestat (kif ghadu arrestat sal-lum) u proprju ghalhekk li l-Ewwel Qorti ma kellha ebda dubju dwar dawn ic-certifikati. Imma l-Ewwel Qorti marret oltre u qalet li fl-ahhar gurnata tal-konvalexxenza l-imputat kellu sahha jmur ghand l-Avukat Gatt, allura kellu sahha bizzejjed biex imur jiffirma l-ghassa. B'kull rispett, dan l-argument ma jregix ghaliex certifikat mediku biex persuna sserrah sieqha tikkostitwixxi raguni valida biex dik il-persuna ma tmurx tiffirma f'dawk l-10 ijiem, ma nistghux nghidu, per ezempju, li jekk fis-6 jum il-persuna ghamlet sforz u marret l-isptar allura c-certifikat ta' 10 ijiem spicca!. L-appellant ghamel hazin li mar jargumenta ma' l-Avukat tal-mara tieghu,

imma dak mhux il-mertu ta’ dan il-kaz, u kif inghad huwa skuza ruhu. Hawnhekk qed jigi investigat biss jekk l-appellant kienx ezentat milli jiffirma fid-9 u s-16 ta’ Frar, 2011 u l-appellant jikkontendi li galadarba huwa kien mugugh u anke l-Ewwel Qorti accettat ic-certifikati bhala genwini, allura huwa kien ezentat milli jiffirma, u l-appellant ghandu jigi liberat mill-akkuzi migjuba kontrih.

8. Rat ix-xhieda li kienu kompilati quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti.

9. Rat il-fedina penali u kopja tal-Bailbook.

10. Semgħet it-trattazzjoni tar-rikors tal-appell mill-abbli Difensur u mill-abbli Prosekutur.

Ikkonsidrat

11. L-aggravji huma prinċipalment tnejn:

(a) In-Nullita’ taċ-ċitazzjoni għaliex l-imputazzjonijiet huma vagi u fihom ċerta dettalji nieqsa.

(b) Illi l-ispirtu tal-artikolu 574 tal-Kodiċi Kriminali huwa sabiex jevita li persuna tistulitifika l-proċess ġudizzjarju. La l-appellant kellu ċ-ċertifikati tal-mard huwa kien eżentat milli jiffirna.

12. L-ewwelnett din il-Qorti ma tiddisturbax sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti sakemm din tkun waħda li setgħet tasal għaliha raġonevolment u legalment.

13. Għalhekk eżaminat mill-ġdid ix-xhieda li kienu prodotti quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti.

**L-Ewwel Aggravju**

14. It-tieni sub-inċiż tal-artikolu 360 tal-Kap 9 jipprovdi kif ġej:

‘Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor il-fatti tal-akkuża, bil-partikolaritajiet ta’ żmien u ta’ lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw.’

15. Fil-fehma tal-Qorti, fiċ-ċitazzjoni nsibu

(a) Indikazzjoni taż-żmien. ‘Matul dawn l-aħħar ġimgħat f’dawn il-Gżejjer’. Dan huwa dettal biżżejjed meta wieħed jikkonsidra li l-appellant tressaq b’arrest u allur seta’ faċilment jifhem għal-liema dati kienet qed tirreferi ċ-ċitazzjoni.

(b) Referenzi għad-digrieti ta’ liberta’ proviżorja bid-dati tagħhom;

(ċ) Il-kliem ‘naqas li jiffirma ġewwa l-Għassa taż-Żejtun.’

16. Dawn id-dettalji huma biżżejjed biex jissodisfaw l-artikolu 360(2) tal-Kap 9.
In fatti dan la-rtikolu kien interpretat kif ġej mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta’ Awwissu 2003 fil-kawża ‘Il-Pulizija versus Jospeh Zahra’:

*‘L-ewwel aggravju ta’ l-appellant hu, bazikament, fis-sens li*
*huwa ma setax jinstab hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti peress li dawn l-imputazzjonijiet kienu nieqsa mid-dettalji*
*mehtiega dwar il-post, il-hin u c-cirkostanzi li fihom sehhew l-allegati reati. Dan l-aggravju hu wiehed fieragh. Huwa veru li l-imputazzjonijiet ma kienux redatti bl-aktar*
*mod felici u li r-referenza ghall-“post”, “hin” u “cirkostanzi” f’kull imputazzjoni ma hi xejn cara. Pero`, kif din il-Qorti*
*kellha l-okkazzjoni li tosserva diversi drabi, in-nuqqas ta’*
*xi rekwizit imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 ma jwassalx ghan-nullita` tac-citazzjoni (jew tal-imputazzjoni*

*jew imputazzjonijiet) u anqas ma jwassal necessarjament ghal-liberazzjoni ta' dak li jkun. Jekk, minhabba l-mod kif inhuma redatti l-imputazzjonijiet, l-imputat ma jkunx jista'*
*Kopja Informali ta' Sentenza jiddefendi ruħu adegwatament huwa jista' jgib dan l-ilment a konjizzjoni tal-qorti biex din tiehu l-mizuri necessarji. Jista' wkoll, wara li jkun sema' l-provi tal-prosekuzzjoni,*
*jitlob differiment jew posponiment biex ikun f'posizzjoni li jaghmel id-difiza tieghu, minflok ma jghaddi ghad-difiza minnufih wara l-kaz tal-prosekuzzjoni, kif suppost li jsir f'kull kawza (ara, in partikolari, l-Artikoli 374,*
*375 u 377(1) tal-Kodici Kriminali). S'intendi, tali differiment jew posponiment ghandu jinghata b'cirkospezzjoni kbira u biss f'kazijiet fejn ikun hemm xi nuqqas fil-mod kif il-Prosekuzzjoni*
*tkun ressqet l-imputazzjonijiet jew ikkonduciet il-kaz taghha, liema nuqqas ikun verament jista' jippregudika lill-imputat, ghax altrimenti facilment jigri li l-kawza sommarja ma tibqa' sommarja xejn. Huwa proprju ghalhekk li l-Artikolu 360(2) jghid li c-citazzjoni ghandha jkollha certi dettalji, u cioe` sabiex l-imputat jigi*
*preparat f'ewwel jum tas-smigh bid-difiza u bil-provi tieghu in difeza, u l-kawza tkun tista' tinqata' f'dik l-ewwel gurnata tas-smigh.*

*Mill-provi mismugha wiehed seta' facilment jifhem il-"post", il-"hin" u c-*
*"cirkostanza" ta' kull imputazzjoni. Meta, ghalhekk, l-appellant*
*Zahra gie biex jaghmel id-difiza tieghu huwa*
*kien jaf ezattament b'liema fatti kien qed jigi imputat, u*
*liema kienu r-reati li kienu qed jigu ipotizzati fil-konfront*
*tieghu.'*

***Mill-proċess jirriżulta wkoll li nstemgħu l-provi viva voce u ġew reġistrati u għalhekk l-appellant seta' jifhem x'kien l-imputazzjonijiet dedot*ti** kontrih.

17. Fid-dawl tal-analiżi magħmula tad-dettalji fiċ-ċitazzjoni odjerna, tad-deċiżjoni li saret referenza għaliha fil-paragrafu preċedenti,u l-provi mismugħa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

**It-Tieni Aggravju**

18. Il-Qorti eżaminat ix-xhieda. Minn dak li xehed Dr Gatt jirriżulta li fis-16 ta' Frar 2011 l-appellant kien mar għand Dr Edward Gatt fuq kwistjonijiet pendenti bejn mart l-appellant u l-appellant. Dr Edward Gatt talab l-intervent tal-Pulizija sabiex l-appellant joħroġ mill-uffiċju wara li kien hedded lill-istess avukat. L-appellant kien qed isuq Honda Civic ħamra. (fol 7 u 8).

19. Mix-xhieda tal-Ispettur Arthur Mercieca jirriżulta li l-appellant kien naqas li jiffirma l-Għassa taż-Żejtun għal darbtejn konsekuttivi meta huwa kellu jiffirma nhar t'Erbgħa u 9 u s-16 ta' Frar kienu l-jum tal-Erbgħa.

20. Fl-istqarrija tiegħu, l-appellant ma wieħeb ebda domanda. (fol 27).

21. Meta xehed l-appellant (1 ta' Marzu 2011 fol 30), hwua qal li kellu għaxar punti f'saqajh (Hawn kien esibit ċ-ċertifikat tal-4 ta' Frar 2011). Kien esibit ukoll iċ-ċertifikat maħruġ minn Dr Adrian Vassallo tat-12 ta' Frar 2011.

22. L-appellant xehed li huwa kien avża lis-surġent Tony Agius li kellu ċ-ċertifikati. Hu ma setax jibgħathom jekk ma jmurx xi ħadd iwassalhom.

23. Fil-kontro-eżami huwa qal li kien ġej minn Dr.Edward Gatt u qal li wasslu hemmhekk ċertu iswed bil-karozza tal-appellant stess. (fol 34). Lill-iswed ħallieh fuq barra u peress li kien baqa' biċċa żgħira u saq l-appellant.

Kkonsidrat
24. L-Ewwel Onorabbli Qorti qalet hekk:

‘’Ftit frankament għandha xi tgħid din il-Qorti ħlief l-imputat huwa għal kollox inveritjier, mhux li għandu saqajh imweġġa’, li pero’ ma mexiex, ma saqx – konsegwentement la kien tajjeb biex isuq u anke biex ifittex l-Avukat tal-mara tiegħu, kien ċertament tajjeb biex imur jiffirma kif lilu ordnat.’

25. Din il-Qorti ma ssib ebda raġuni għala għandha tasal għal xi konklużjoni differenti minn din.

**26. Iċ-ċertifikati tal-mard mhumiex eżenzjoni** mill-iffirmar. Mhux biżżejjed li wieħed javża jekk hemm inkonvenjent minħabba mard (jekk filfatt sar dan l-avviż). Iżda lanqas jekk wieħed jagħmel tali avviż m’huwa skużat li ma jiffirmax jekk dan jiflaħ isuq (jew, jekk jaċċetta dak li qal l-appellant isuquh) min-nofs in-Nhar ta’ Malta saċ-ċentru ta’ Malta u imbagħad jonqos milli jimxi mal-kundizzjoni tal-iffirmar fiż-Żejtun, raħal li qiegħed eqreb lejn fejn joqgħod l-appellant. M’hemm ebda skużanti jekk wieħed jiflaħ isuq jew jittieħed sal-Mosta. Ikun biss qed juri li fejn irid wieħed jiflaħ u fejn ma jridx wieħed ma jiflaħx. **Jekk wieħed ikun qed igawdi mil-liberta’ proviżorja, irid jimxi skrupložament mal-kundizzjonijiet imposti fid-digriet.**

27. Għaldaqstant, il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju tal-appellant.

**Konklużjoni**

28. Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 579(2) tal-Kap 9 qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi fis-16 ta’ Marzu 2011 fejn kien liberat mill-addebitu tar-reċidiva għax din ma kenitx ippruvata iżda nstab ħati tal-ksur tal-artikolu 579(2) tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------